MARZU 15

# Santa Lukrezia



Imwielda go familja sinjura musulmana, gewwa Cordova fi Spanja, giet mghallma d-duttrina nisranija u mghammda bil-mohbi minn soru li kienet tigi minnha, jisimha Liliosa. Lucrezia zammet il-konverzjoni taghha sigriet ghal xi zmien, imma spiccat biex tghid b'kollox lill-genituri taghha. Dawn fittxew li jergghu jdawruha ghall-fidi musulmana l-ewwel bil-kelma t-tajba imbaghad ......

Wara xi zmien ghamlet ta' bir-ruhha li accettat ir-rieda tal-genituri taghha, imma ghamlet hbiberija ma' San Ewlogio u ohtu Anilona u fil-jum li kellha tiehu sehem fit-tieg ta' xi hadd jigi minnha, harbet u sabet kenn ghandhom. Huma sabulha kenn ghand nies li kienu jafdawhom. Wara li fittxewha kullimkien, ghamlu rapport lil awtorita' dwar l-ghebien taghha, li minn naha taghhom arrestaw xi insara li kienu suspettati.

Lucrezia ghaddiet minn kenn ghal iehor u kienet tiddedika hinha ghat-talb, saw u penitenza. Jum wiehed iddecidiet li taghmel zjara lil San Ewlogio u lil ohtu.  Huma tawha merhba go darhom u hemm ghaddiet il-lejl bit-tama li l-ghada qabel jisbah titlaq mill-gdid. Imma kellha tistenna xi sighat billi l-persuna li kellha takkumpanjaha ttardjat. Sadanittant xi hadd mhux maghruf iddenunzjaha li kienet fid-dar ta' San Eulogio. Baghtu jarrestahom u filwaqt li San Eulogio ikkundannawh u qatluh minghajr telf ta' zmien, lil Lucrezia ppruvaw ihajruha biex tbiddel u tichad il-fidi nisranija.

Meta ra li kollox kien ghalxejn, l-imhallef ikkundannah ghal-qtuh ir-ras. Is-sentenza giet esegwita 4 ijiem wara, fil-15 ta' Marzu tas-sena 859. Gisimha gie mitfuh fix-xmara, imma b'miraklu baqa' fil-wicc, hekk li l-insara setghu jigbruh u jaghtuh difna xierqa. Baqa' midfun hemmhekk sas-sena 883 sakemm sacerdot ismu Dulcidio, garr il-fdalijiet taghha flimkien ma' dawk ta' San Eulogio ghal Oviedo fejn gew milqugha mir-re, l-isqof u l-kleru.  Il-fdalijiet gew imqieghda f'tebut tac-cipress u midfuna taht l-artal tal-kappella ta' San Leocadia fid-9 ta' Jannar tas-sena 884.

Fis-sena 1300 kawza ta' miraklu li gie attribwit liz-zewg qaddisin, ir-relikwiji taghhom gew imqieghda f'urna rikka tal-fidda.  Xi relikwiji ohra taghhom gew trasferiti F'Cordova fil-knisja ta' San Rafel, protettur tal-Belt.